MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**ABIGAIL LOFARO**

Seduta tat-3 ta' Dicembru, 2012

Rikors Numru. 411/2012

**A B**
**vs**
**C B**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors illi gie ikkonfermat bil-gurament mir-rikorrenti; li permezz tieghu ippremetta:

Illi l-partijiet izzewwgu fit-tmienja (8) ta’ Gunju tas-sena tal-elf disa’ mija u wiehed u disghin (1991) skond ic-certifikat taz-zwieg (vide dokument anness u mmarkat bhala Dok A) u minn dan iz-zwieg ma kellhomx tfal;

Illi l-partijiet ilhom legalment separati b’kuntratt redatt minn Nutar Dottor Rachel Mallia sa mit-tmienja (8) ta’ Novembru tas-sena elfejn u hamsa (2005) u dan kif jirrizulta mill-kuntratt ta’ separazzjoni (vide dokument anness u mmarkat bhala Dok B);

Illi m'hemm l-ebda prospett ragonevoli ghar-rikonciljazzjoni bejniethom stante illi minbarra li ilhom hames snin mifrudin, illum ghandhom hajja totalment separata u indipendenti minn xulxin;

Illi m'hemm l-ebda manteniment dovut f'dan l-istadju stante li ulied minn dan iz-zwieg m'hemmx u skont l-istess kuntratt ta' separazzjoni personali (vide Klawsola 6 tad-Dok. B anness) il-partijiet iddekadew mid-dritt li jircievu manteniment minghand xulxin;

Illi dawn il-fatti hawn fuq imsemmija jissodisfaw il-kundizzjonijiet kollha mehtiega ghall-ksib tad-divorzju skont l-Artikolu 66B tal-Kodici Civili, Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Talab li l-intimata tghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex tippronunzja l-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u fl-istess waqt tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex fiz-zmien imholli ghaldaqshekk mill-istess Qorti, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Rat in-nota tal-intimata, ikkonfermata mill-istess intimate bil-gurament, li permezz taghha iddikjarat :

Fl-ewwel lok l-esponenti tirrileva illi filwaqt illi kkuntrattaw zwieg bejniethom nhar it-8 ta' Gunju 1991, il-partijiet isseparaw legalment minn xulxin permezz tal-kuntratt ta' Separazzjoni fl-Atti tan-Nutar Dottor Rachel Mallia, liema kuntatt huwa datat 26 ta' Ottubru 2005 u mhux 8 ta' Novembru 2005 kif erroneament indikat fir-Rikors promotur, u kwindi l-partijiet ilhom separati legalment minn xulxin ghal aktar minn erba' snin;

Illi miz-zwieg bejniethom, il-partijet ma kellhomx ulied, u ai termini tal-Kuntratt ta' Separazzjoni Personali bejniethom (Dok B), huma ddikjaraw illi kienu ddekadew mid-dritt illi jircievu manteniment minghand xulxin. Kwindi ma hemm l-ebda manteniment dovut bejn il-partijiet skond il-Ligi;

Illi l-partijiet fil-fatt ilhom separati de facto ghal aktar minn ghaxar (10) snin u qatt ma kien hemm l-ebda rikonciljazzjoni bejniethom. Il-kontendenti illum il-gurnata jghixu hajja kompletament indipendenti, u ma hemm l-ebda prospett ta' rikonciljazzjoni bejniethom, tant illi l-esponenti ilha f'relazzjoni ma George Debono ghal madwar tmien (8) snin u ghandha twemin ta' sitt (6) snin mill-istess George Debono;

Illi l-esponenti ma ssib l-ebda oggezzjoni illi tinghata pronunzja tal-hall taz-zwieg iccelebrat bejn il-partijet nhar it-8 ta' Gunju 1991 ai termini ta' l-Artikolu 66D tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta, u illi jsiru n-notifiki u l-pubblikazzjonijiet opportuni ai termini ta' l-Artikolu 66A (4) tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat id-digriet taghha tal-10 ta' Settembru, 2012;

Rat id-dokumenti kollha li gew esebiti;

Rat l-Artikolu 66 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi il-Qorti rat illi ir-rikorrenti irnexxielu jissodisfa ir-rekwiziti kollha mehtiega mill-Ligi sabiex zwieg jigi mahlul u dana peress illi ipprova illi l-partijiet ilhom legalment separati mit-8 ta' Novembru, 2005 u illi ma hemm l-ebda possibilita ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet;

Illi l-Qorti rat ukoll illi ir-rikorrenti irnexxielu jipprova illi ma hemm l-ebda manteniment dovut minnu stante li tfal ma twieldux minn dan iz-zwieg u skond il-kuntratt ta' separazzjoni il-partijiet kienu iddekadew mid-dritt illi jircievu manteniment minghand xulxin;

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet fuq imsemmija, il-Qorti qeghda taqta` u tiddeciedi dan ir-rikors billi tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar millum, javza

lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet;

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------